

Brussell, 10 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10205/26

AGRILEG 149
VETER 89
ENV 672
RECH 262

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPRez, Direttur
data meta waslet:	4 ta' Ġunju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 264 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-eżerċizzju tas-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 264 final.

Mehmuż: COM(2026) 264 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.6.2026
COM(2026) 264 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar l-eżerċizzju tas-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni
skont id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru
2010 dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi**

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċizzju tas-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi

1. INTRODUZZJONI

Id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi¹ ("id-Direttiva") tistabbilixxi l-miżuri għall-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi jew edukattivi. Din tistabbilixxi r-regoli dwar (i) is-sostituzzjoni u t-tnaqqis tal-użu tal-annimali fi proċessi u r-raffinament tat-trobbija, iż-żamma, il-kura u l-użu tal-annimali fi proċessi; (ii) l-oriġini, it-tniissil, l-immarkar, il-kura u ż-żamma u l-qtil ta' annimali; (iii) l-operat u l-awtorizzazzjoni ta' min irabbi, tal-fornituri u tal-utenti; u (iv) l-evalwazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta' proġetti li jinvolvu l-użu tal-annimali ħajjin fi proċessi.

Id-Direttiva tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati biex tadatta l-Annessi I u III sa VIII (għajr għad-dispożizzjonijiet tat-Taqsimiet I u II tal-Anness VIII) għall-progress xjentifiku u tekniku:

- Anness I: Lista ta' annimali msemmija fl-Artikolu 10 [li teħtieġ li dawn jitrabbew speċifikament għall-użu fil-proċessi]
- Anness III: Rekwiżiti għall-istabbiliment u għall-Kura u ż-żamma tal-annimali
- Anness IV: Metodi ta' qtil tal-annimali
- Anness V: Lista ta' elementi msemmija fl-Artikolu 23(3) [bħala l-bażi għall-Istati Membri biex jistabbilixxu rekwiżiti minimi għall-edukazzjoni u t-taħriġ tal-persunal]
- Anness VI: Lista ta' elementi msemmija fl-Artikolu 37(1)(c) [dwar l-informazzjoni li trid tiġi inkluża f'applikazzjoni għal proġett]
- Anness VII: Dmirijiet u kompiti tal-Laboratorju ta' Referenza tal-Unjoni [stabbilit biex jikkoordina l-validazzjoni ta' metodi alternattivi fil-livell tal-Unjoni]
- Anness VIII: Klassifikazzjoni tas-severità tal-proċessi [eżempji ta' tipi differenti ta' proċessi assenjati lil kull waħda mill-kategoriji tas-severità].

2. BAŻI LEGALI

Dan ir-rapport huwa meħtiegħ skont l-Artikolu 51(1) tad-Direttiva. Skont dik id-dispożizzjoni, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 8 snin mid-9 ta' Novembru 2010. Il-Kummissjoni mistennija tħejji rapport dwar is-setgħa delegata, sa mhux iktar tard minn 12-il xahar qabel tmiem il-perjodu ta' 8 snin. Id-delega tas-setgħat trid tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' durata identika, sakemm il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ma jirrevokawhiex f'konformità mal-Artikolu 52.

¹ ĠU L 276, 20.10.2010, p. 33.

3. EŻERĊITAR TAD-DELEGA

Abbażi tal-informazzjoni disponibbli llum, matul il-perjodu kopert minn dan it-tieni rapport (mid-9 ta' Novembru 2018 sat-8 ta' Novembru 2026), il-Kummissjoni adottat att delegat wieħed, id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2024/1262 tat-13 ta' Marzu 2024².

Id-Direttiva Delegata 2024/1262 emendat l-Annessi III u IV tad-Direttiva biex tadattahom għall-progress xjentifiku u tekniku. Fiż-żmien tal-adozzjoni tad-Direttiva, ma kienx hemm biżżejjed evidenza xjentifika disponibbli dwar ir-rekwiżiti xierqa ta' akkomodazzjoni u ta' kura u dwar il-metodi xierqa ta' qtil għal ċerti speċijiet. Abbażi tal-evidenza xjentifika miksuba mill-2010 'l hawn, l-emenda tal-Anness III aġġornat ir-rekwiżiti għall-istabbilimenti u għall-kura u ż-żamma taċ-ċefalopodi, taż-żebra u tal-passeriformi, u l-emenda tal-Anness IV aġġornat il-metodi ta' qtil taċ-ċefalopodi u taż-żebra.

Hi u tnejni d-Direttiva Delegata 2024/1262, il-Kummissjoni kkooperat ma' esperti tekniċi u xjentifiċi mill-Istati Membri biex tivvaluta liema adattamenti kienu meħtieġa fid-dawl tal-avvanzi fl-għarfien tekniku u xjentifiku u fl-intuwizzjonijiet ġodda dwar ir-rekwiżiti tal-benesseri tal-annimali. Intalab kontribut xjentifiku ulterjuri mill-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji Sanitarji, Ambjentali u Emerġenti (SCHEER), li adotta l-Opinjoni tiegħu fil-25 ta' Settembru 2023³. Il-proċess twettaq f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali użati għal skopijiet xjentifiċi, li huwa magħmul minn (i) l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri; (ii) il-komunità ta' dawk li jrabbu l-annimali u tal-utenti li tinkludi l-industrija, ix-xjenza u l-akkademja; (iii) il-veterinarji; u (iv) l-NGOs għat-trattament xieraq tal-annimali⁴.

² ĠU L, 2024/1262, 15.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir_del/2024/1262/oj

³ https://health.ec.europa.eu/publications/scheer-revision-annexes-iii-and-iv-directive-201063eu-protection-animals-used-scientific-purposes_en?prefLang=mt.

⁴ Ara b'mod partikolari r-rekords fil-qosor mill-21 sal-24 laqgħa u l-laqgħa *ad hoc* tas-7 ta' Frar 2024 tal-Grupp ta' Esperti tal-Awtoritajiet Kompetenti dwar il-protezzjoni tal-annimali użati għal skopijiet xjentifiċi.